

Brussell, 14 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11750/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0217(NLE)

AELE 64
FL 32
ISL 42
N 68
MI 765
ENER 509

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (Kodiċi tan-network għar-regoli dwar l-interoperabbiltà u l-iskambju ta' data)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda
tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE
(Kodiċi tan-network għar-regoli dwar l-interoperabbiltà u l-iskambju ta' data)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj>.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Huwa xieraq li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703³ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda għall-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/1994/1/oj.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta’ April 2015 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta’ Data (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/703/oj>).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
